# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 71/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**GC**

**vs**

**RC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' GC, datat 7 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

*Il-partijiet izzewgu fis-sbatax ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) fil-Laboratorju tal-Paci, f'Hal Far, limiti taz-Zurrieq, hekk kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal u cioe M li twieldet fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija erbgha u disghin (1994) u R li twieled fit-tmintax (18) ta' Lulju elf, disa' mija sitta u disghin u ghalhekk ghandhom l-eta erbgha u ghoxrin (24) sena u tnejn u ghoxrin sena (22) sena rispettivament u ghalhekk it-tnejn huma maggorenni.*

*Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani tal-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005), kopja liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B ;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew emot, ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom jghixu b'mod separat minn xulxin ghal aktar minn erbghatax-il sena (14) cioe' minn qabel Frar tas-sena elfejn u hamsa u illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

*Illi l-esponenti hu obbligat jhallas lil intimata is-somma sitta u erbghin ewro u disa' u hamsin centezmu (€46.59) li huma ekwivalenti ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20) kull xahar. Ma hemm l-ebda pendenzi f'dan ir-rigward.*

*Illi l-esponenti jixtieq li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet ;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn l-partijiet ;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien moghti lilu ghal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-attur iddikjara li ma joggezzjonax li jhallas l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri (vide fol 11);

Rat in-nota ta' RC datata 8 ta' April li permezz taghha ddikjara li ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju (vide fol 12);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GC** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-17 t'Ottubru 1991 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fil-5 ta' Marzu 2005 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li t-tnejn huma maggorenni, ghalkemm wahda minnhom ghada tistudja *full-time.* Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RC** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Awwissu 1991 (vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, illum maggorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani, datat 5 ta' Marzu 2005 (vide Dok.B 4 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti fil-verbal tat-8 t'April 2019, il-Qorti tordna li l-ispejjez huma a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**